MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2004

Numru. 512/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**MARIO SPITERI**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Mario Spiteri bin John u Michelina nee Cassar imwieled fit-2 ta' Lulju 1959 u residenti Nru 32, Triq in-Narcis, Xewkija, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 38559 G) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-15 t' Awissu 2003 ghall-habta tat-3.00p.m. fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex,

1 Kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

2 Aktar talli fl-istess okkazzjoni hedded u ghajjar lil Salvu Borg;

3 Aktar talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Salvu Borg, skond ma ccertifika Dr Ercole Spiteri M.D.;

4 Aktar talli volontarjament hassar jew ghamel hsara fi hwejjeg haddiehor meta qatta qmis ghad-detriment ta' l-istess Salvu Borg liema hsara tammonta ghal hames Liri Maltin (Lm5).

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil Saviour Borg, Victoria Pisani, Paul Galea, Kennith Cutajar, Dr Ercole Spiteri M.D., PS 261 u George Portelli;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 338 dd, 339 (a), 221, 325 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti li l-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda li wkoll qalu li ma raw xejn pero ressqet lil kwerelant Salvu Borg li qal li kien l-imputat li hebb ghalih, heddu u ikkagunalu feriti ta' natura hafifa kif kkonfermat minn Dottor Spiteri viva voce l-Qorti. Illi x-xhieda ta' Borg ma gietx kontradetta mill-imputat.

**Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li ma ssibux hati ta' l-ewwel u r-raba akkuzi u tilliberah minnhom u hati fuq it-tieni u t-tielet akkuzi u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) komplessivament.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------